



2024/762

4.3.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/762

tal-1 ta' Marzu 2024

Li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/415 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-aċidu maliku, tal-aċidu ċitriku prodott mill-*Aspergillus niger* DSM 25794 jew CGMCC 4513/CGMCC 5751 jew CICC 40347/CGMCC 5343, tal-aċidu sorbiku u tas-sorbat tal-potassju, tal-aċidu aċetiku, tad-diaċetat tas-sodju u tal-aċetat tal-kalċju, tal-aċidu propjoniku, tal-propjonat tas-sodju, tal-propjonat tal-kalċju u tal-propjonat tal-ammonju, tal-aċidu formiku, tal-format tas-sodju, tal-format tal-kalċju u tal-format tal-ammonju, u tal-aċidu lattiku prodott mill-*Bacillus coagulans* (LMG S-26145 jew DSM 23965), jew mill-*Bacillus smithii* (LMG S-27890) jew mill-*Bacillus subtilis* (LMG S-27889), u tal-lattat tal-kalċju, bħala addittivi tal-ġhalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-ġhalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-użu tal-aċidu aċetiku, tad-diaċetat tas-sodju, tal-aċetat tal-kalċju u tal-format tal-ammonju bħala addittivi fl-ġhalf ġie awtorizzat għal perjodu ta' 10 snin bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/415 ⁽²⁾ għal ċerti speċijiet tal-annimali biss, filwaqt li t-titolu ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni bi żball jirreferi għal awtorizzazzjoni għall-ispeċijiet kollha tal-annimali.
- (2) L-użu tal-aċidu lattiku u tal-lattat tal-kalċju bħala addittivi fl-ġhalf ġie awtorizzat ukoll għal perjodu ta' 10 snin bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/415.
- (3) Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/415 dwar l-addittivi tal-aċidu lattiku (identifikat bħala "1a270") u l-lattat tal-kalċju (identifikat bħala "1a327"), fil-kolonna "Speċi jew kategorija tal-annimal", il-kategorija "Ruminanti b'kirxa mhux funzjonali" hija koperta mill-kamp ta' applikazzjoni ta' "L-ispeċijiet kollha tal-annimali għajr il-ħnieżer u r-ruminanti b'kirxa funzjonali", filwaqt li, skont l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tat-12 ta' Novembru 2019 ⁽³⁾, ma setgħetx tiġi stabbilita doża sikura għall-preruminanti. Għalhekk, l-addittivi l-aċidu lattiku u l-lattat tal-kalċju ma kellhomx jiġu awtorizzati għall-użu għar-ruminanti b'kirxa mhux funzjonali.
- (4) Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/415 dwar l-addittiv aċetat tal-kalċju (identifikat bħala "1a263"), iddaħħlet b'mod żbaljat entrata relatata mal-ħadid fil-kolonna "Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku" taħt l-intestatura "Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva".
- (5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/415 jiġi kkoreġut kif xieraq.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Ġhalf,

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/415 tal-11 ta' Marzu 2022 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-aċidu maliku, tal-aċidu ċitriku prodott mill-*Aspergillus niger* DSM 25794 jew CGMCC 4513/CGMCC 5751 jew CICC 40347/CGMCC 5343, tal-aċidu sorbiku u tas-sorbat tal-potassju, tal-aċidu aċetiku, tad-diaċetat tas-sodju u tal-aċetat tal-kalċju, tal-aċidu propjoniku, tal-propjonat tas-sodju, tal-propjonat tal-kalċju u tal-propjonat tal-ammonju, tal-aċidu formiku, tal-format tas-sodju, tal-format tal-kalċju u tal-format tal-ammonju, u tal-aċidu lattiku prodott mill-*Bacillus coagulans* (LMG S-26145 jew DSM 23965), jew mill-*Bacillus smithii* (LMG S-27890) jew mill-*Bacillus subtilis* (LMG S-27889), u tal-lattat tal-kalċju, bħala addittivi tal-ġhalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali (ĠU L 85, 14.3.2022, p. 6).

⁽³⁾ EFSA Journal 2019;17(12):5914.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/415 huwa kkoreġut kif ġej:

1. it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/415 tal-11 ta' Marzu 2022 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-aċidu maliku, tal-aċidu ċitriku prodott mill-*Aspergillus niger* DSM 25794 jew CGMCC 4513/CGMCC 5751 jew CICC 40347/CGMCC 5343, tal-aċidu sorbiku u tas-sorbat tal-potassju, tal-aċidu aċetiku, tad-diaċetat tas-sodju u tal-aċetat tal-kalċju, tal-aċidu propjoniku, tal-propjonat tas-sodju, tal-propjonat tal-kalċju u tal-propjonat tal-ammonju, tal-aċidu formiku, tal-format tas-sodju, tal-format tal-kalċju u tal-format tal-ammonju, u tal-aċidu lattiku prodott mill-*Bacillus coagulans* (LMG S-26145 jew DSM 23965), jew mill-*Bacillus smithii* (LMG S-27890) jew mill-*Bacillus subtilis* (LMG S-27889), u tal-lattat tal-kalċju, bħala addittivi fl-ġhalf għal ċerti speċijiet tal-annimali";

2. fir-raba' kolonna tal-Anness intitolata "Speċi jew kategorija tal-annimal", li tikkonċerna l-entrati 1a270 dwar l-aċidu lattiku u 1a327 dwar il-lattat tal-kalċju, il-kategorija "L-ispeċijiet kollha tal-annimali għajr il-ħnieżer u r-ruminanti b'kirxa funzjonali" hija sostitwita b'"L-ispeċijiet kollha tal-annimali għajr il-ħnieżer u r-ruminanti";

3. fit-tielet kolonna tal-Anness bit-titolu "Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku", li tikkonċerna l-entrata 1a263 dwar l-aċetat tal-kalċju, it-test taħt l-intestatura "Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Aċetat tal-kalċju $\geq 98,7\%$

$C_4H_6CaO_4$

Nru tal-CAS 62-54-4

Ilma $\leq 6\%$

Materja mhux volatili ≤ 30 mg/kg

Aċidu formiku u l-imlieħ tiegħu u materjal ossidabbli ieħor ≤ 1 g/kg

Prodott b'sinteżi kimika".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN